# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru : 3**

**Rikors numru 142/2012/1 RGM**

**Jane Mifsud**

**v.**

**Suprintendent tas-Saħħa Pubblika**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli. L-ewwel appell, li ġie mressaq b'mod ewlieni mill-attriċi Jane Mifsud, huwa dirett kontra l-aħħar sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru, 2023, fejn ġew miċħuda l-aħħar tliet talbiet tagħha sabiex hija tingħata kumpens għad-danni li tgħid li ġarrbet minħabba d-deċiżjoni tas-Suprintendent konvenut

li ma pproċessax it-talba tagħha sabiex tinħarġilha liċenzja għal spiżerija. Filwaqt li min-naħa l-oħra, it-tieni appell li ġie mressaq b'mod inċidentali mill-konvenut Suprintendent għas-Saħħa Pubblika sar kontra l-ewwel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Marzu, 2022, fejn ġew milqugħa l-ewwel żewġ talbiet tal-attriċi illi d-deċiżjoni meħuda mis-Suprintendent konvenut li ma jipproċessax it-talba għall-għoti ta' liċenzja għal spiżerija kienet waħda illegali u irraġonevoli.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-9 ta' Frar, 2012, l-attriċi Jane Mifsud fissret li fit-23 ta' April, 2008 hija kienet ressqet applikazzjoni mal-konvenut Suprintendent għas-Saħħa Pubblika taħt ir-**Regolamenti dwar Liċenzi għall-Ispiżeriji (Leġislazzjoni Sussidjarja 458.16)** b'rabta mal-post numru 96 (illum 121), fi Triq Burmarrad, Burmarrad.

3. Iżżid li għalkemm Burmarrad jgħodd bħala belt skont ir-**Regolament 2** tal-imsemmija regolamenti, b'danakollu s-Suprintendent konvenut naqas milli jipproċessa tali applikazzjoni u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Minħabba f'hekk l-attriċi tgħid li kellha tressaq ilment quddiem l-Ombudsman, li b'opinjoni finali tal-5 ta' Lulju, 2011, wara li sab li Burmarrad għandu jitqies bħala belt għall-għanijiet tar-regolamenti rrakkomanda dan li ġej:

> *«Għaldaqstant nirrakkomanda li l-istess Awtorità tapplika l-interpretazzjoni l-aktar valida u, barra minn hekk, ekwa u li hi amministrattivament korretta u mill-aktar fis tipproċessa l-applikazzjoni tal-complainant għal spiżerija f'Burmarrad li jien nikkunsidra li hu intitolat li fih jinfetħu spiżeriji irrispettivament mill-kumplament tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar li fiha jinsab.»*

4. L-attriċi tkompli tispjega illi b'ittra tas-7 ta' Settembru, 2011 is-Suprintendent konvenut kien kiteb lill-Ombudsman fejn indikalu li huwa ma kienx sejjer joqgħod ma' din l-opinjoni finali.

5. Skont l-attriċi tali aġir mhux biss kien jikser id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Liċenzi għall-Ispiżeriji** iżda kien jammonta wkoll għal abbuż ta' setgħa mill-awtorità pubblika minħabba li tali aġir sar għall-għanijiet mhux xierqa u ġie msejjes fuq konsiderazzjonijiet li ma kinux rilevanti. Tallega li dan l-aġir irraġonevoli ħoloq u sejjer ikompli joħolqilha aktar danni konsistenti f'*damnum emergens* u f'*lucrum cessans*.

6. Minkejja li fis-17 ta' Jannar, 2012 hija bagħtet ittra uffiċjali lis-Suprintendent konvenut sabiex jipproċessa l-applikazzjoni tagħha, dan iżda baqa' ma riedx jaf. Għalhekk hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimat illegalment naqas milli jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija relattivament għall-fond 96 (illum enumerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad;*
>
> *2. Tordna lill-intimat sabiex jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija relattivament għall-fond 96 (illum enumerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad 2 prevja dikjarazzjoni li Burmarrad jikkwalifika bħala "belt" għall-finijiet tar-Regolamenti dwar Liċenzji għall-Ispiżeriji;*

*3. Tiddikjara li l-intimat, konsegwentement għall-aġir irraġonevoli tiegħu konsistenti fir-rifjut li jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija relattivament għall-fond 96 (illum enumerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad, huwa responsabbli għad-danni subiti mill-esponenti konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans;*

*4. Tillikwida d-danni hekk subiti mill-esponenti kif premess, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

*5. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti d-danni likwidati ai termini tat-talba preċedenti;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-ittra uffiċjali datata 17 ta' Jannar 2012, u bl-imgħax legali.»*

7. Is-Suprintendent konvenut wieġeb għal dan ir-rikors maħluf fis-16 ta' Marzu, 2012 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament huwa minnu illi s-Suprintendent għandu l-funzjoni ta' Awtorità dwar il-Liċenzjar:*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost Burmarrad ma jikkwalifikax bħala "Belt", ai termini tal-Avviż Legali 279 tal-2007 dwar il-liċenzjar għall-ispiżeriji, id-definizzjoni ta' belt hija "…Lokalità, inklużi l-irħula żgħar kollha u żoni ċirkostanti li jkollhom kunsill lokali jew kumitat hekk appuntat taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, u li jkun bħala tali jikkwalifikaw taħt dan l-Att u "raħal" għandha tiftiehem bl-istess mod".*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimat qed effettivament jikkumpara ruħu mal-liġijiet viġenti. Di più huwa minnu illi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman ma ġietx attivata mill-intimat iżda dan sar fid-dawl tal-interpretazzjoni ta' "belt" u ġaladarba "Burmarrad" mhux belt għalhekk tali rakkomandazzjoni ma setgħetx tiġi applikata.*

*4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimat mhux responsabbli għad-danni pretiżi stante illi huwa mexa u qed jimxi in linea mal-liġijiet viġenti u ultra vires [sic!].»*

8. B'sentenza parzjali mogħtija fl-24 ta' Marzu, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet hekk:

*«1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ħlief ir-raba' eċċezzjoni li qed titħalla f'dan l-istadju impreġudikata;*

*2. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi;*
*3. Tiddikjara illi Burmarrad jikkwalifika bħala "belt" jew "raħal" għall-finijiet tar-Regolamenti dwar Liċenzji għall-Ispiżeriji - Liġi Sussidjarja numru 458.16;*
*4. Tiddikjara illi l-konvenut aġixxa b'mod illegali u irraġonevoli meta kif fuq spjegat naqas milli jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija ġewwa l-fond numru 96 (illum enumerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad;*
*5. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahrejn mil-lum jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija għall-fond 121, Triq Burmarrad, Burmarrad fid-dawl ta' dak hawn deċiż;*

*Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza in parte kontra l-konvenut.*

9. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*« **L-Azzjoni Attriċi***

*Fit-23 ta' April 2008 l-attriċi ppreżentat applikazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bħala l-Awtorità dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji, sabiex tinħareġ liċenzja għal spiżerija fl-indirizz 96, Triq Burmarrad, Burmarrad. Is-Sinjura Mifsud, wara li l-konvenut ma pproċessax l-applikazzjoni tagħha, għaddiet sabiex ressqet ilment quddiem l-Ombudsman fejn permezz ta' opinjoni datata 5 ta' Lulju 2011 irrakkomanda li l-applikazzjoni tas-Sinjura għandha tiġi pproċessata mill-aktar fis.*

*Fis-7 ta' Settembru 2011, il-konvenut informa lill-Ombudsman permezz ta' ittra li ma kienx f'pożizzjoni li jieħu passi biex titwettaq ir-rakkomandazzjoni magħmula u dan għal numru ta' raġunijiet. Fost dawn ir-raġunijiet hemm is-segwenti: li kien hemm interpretazzjoni żbaljata mill-Ombudsman tad-definizzjoni ta' 'belt'; li l-**Avviż Legali 279 tal-2007** kif emendat bl-**Avviż Legali 198 tal-2010** ma jiġġustifikax "illi kull hamlet għandu jitqies bħala lokalità distinta u separata għall-fini tal-istess regolamenti." Raġuni oħra li ngħatat ġiet spjegata hekk:*

> *«Għad li huwa ovvju li jekk tiftaħ spiżerija f'Burmarrad il-persuni li joqogħdu Burmarrad ikunu jistgħu jixtru minn dik l-ispiżerija huwa wkoll minnu illi jekk minħabba l-ftuħ ta' spiżerija f'Burmarrad ma tiftaħx spiżerija f'inħawi oħra ta' San Pawl il-Baħar huwa probabbli li jkun hemm persuni li jkollhom jivvjaġġaw distanzi itwal biex jaslu sa spiżerija milli kieku kien ikollhom jivvjaġġaw kieku dik l-ispiżerija f'San Pawl il-Baħar tħalliet tiftaħ. Apparti minn hekk imkien ma ġie ppruvat illi jekk minflok ma tiżdied spiżerija f'Burmarrad tiżdied spiżerija f'inħawi oħra ta' San Pawl il-Baħar ikun hemm inqas persuni li jgawdu minn tnaqqis ta' distanza bil-pass lejn l-eqreb spiżerija.»*

*L-attriċi għalhekk intavolat il-kawża odjerna titlob reviżjoni tal-aġir amministrattiv tal-konvenut kif ukoll qed titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha danni.*

*...*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.***

*Il-ftuħ ta' spiżerija huwa regolat bl-**Att dwar il-Mediċini**. Diversi huma l-kriterji sabiex post ikun jista' jintuża bħala spiżerija u dan huwa rigorożament regolat sew bil-**Kapitolu 458 tal-Liġijiet ta' Malta** kif ukoll bil-liġijiet sussidjarji li ħarġu bis-saħħa tal-liġi prinċipali.*

***Artikolu 66 tal-Att dwar il-Mediċini (Kap. 458**) jipprovdi fost l-oħrajn illi:*

> *«66.(1) Ħadd ma jista' jiftaħ jew iżomm spiżerija kemm-il darba ma jkollux liċenzja ta' spiżerija maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.*
>
> *(2) Liċenzi ta' spiżeriji għandhom jinħarġu skont kriterji ġeodemografiċi stabbiliti permezz ta' regolamenti taħt dan l-Att.*
>
> *(3) Regolamenti taħt dan l-artikolu m'għandhomx isiru kemm-il darba l-Ministru ma jkunx qabel ippubblika l-abbozz tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern fejn jippermetti lil kull persuna perjodu ta' mill-anqas erba' ġimgħat biex tagħmel rappreżentazzjoni bil-miktub lill-Ministru.»*

***Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji***
***Liġi Sussidjarja 488.16***

*L-**Att dwar il-Mediċini** ġie promulgat fis-sena 2003 filwaqt li r-regolamenti imsemmija dwar l-applikazzjonijiet għall-spiżeriji jinstabu fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 458.16** intitolata **Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji** li ġiet promulgata fil-5 ta' Ottubru 2007 u tqegħdet fuq il-mejda tal-Parlament fid-9 t'Ottubru 2007.*

*Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu illi hemm limitu fin-numru ta' spiżeriji li jistgħu jiftħu fil-gżejjer Maltin liema numru huwa stabbilit skont in-numru ta' abitanti fil-lokalità partikolari.*

***Regolament numru 4** jipprovdi li:*

> *«(1) L-għadd ta' spiżeriji li tista' tinħarġilhom liċenzja fil-konfini ta' xi belt jew raħal m'għandux ikun ta' inqas minn tnejn, u dawk l-ispiżeriji għandhom ikunu jinsabu f'distanza ta' mhux inqas minn tliet mitt metru bil-pass 'il bogħod minn xulxin:*
>
> *Iżda dik id-distanza ma għandhiex tapplika fil-każ ta' spiżeriji li diġà jkollhom liċenzja dakinhar li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti:*
>
> *Iżda wkoll ma tista' tiftaħ ebda spiżerija f'distanza ta' tliet mitt metru bil-pass minn xi spiżerija li tkun tinsab f'xi belt jew raħal fil-viċin.*

> *(2) F'kull belt jew raħal l-għadd ta' spiżeriji m'għandux jeċċedi l-proporzjon ta' spiżerija għal kull elfejn u ħames mitt abitant.*
>
> *(3) L-għadd ta' abitanti ta' belt jew raħal għandu jitqies li jkun l-għadd ta' abitanti ta' dik il-belt jew raħal skont ma jiġu pubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.»*

*Iżda qabel ir-**Regolamenti numru 4** insibu **Regolament numru 2** li għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u mhux għall-finijiet oħra, jagħti d-definizzjoni ta' belt:*

> *«"belt" tfisser lokalità, inklużi l-irħula żgħar kollha u żoni ċirkostanti, li jkollhom kunsill lokali jew kumitat hekk appuntat taħt l-Att dwar Gvern Lokali, u li jkunu bħala tali jikkwalifikaw taħt dan l-Att u "raħal" għandha tiftiehem bl-istess mod» (sottolinear tal-Qorti).*

*U jkunu bħala tali "jikkwalifikaw taħt dan l-Att". Isegwi minn din id-definizzjoni illi meta f'**regolament numru 4** naqraw il-kelma "belt" jew "raħal" irridu nifhmu illi mhux kull raħal jikkwalifika bħala tali għall-finijiet tar-Regolamenti dwar ħruġ ta' liċenzji għal spiżeriji imma biss dawk l-irħula żgħar illi għandhom kumitat imwaqqaf bil-liġi tal-kunsilli lokali.*

*Il-konvenut jinsisti li belt jew raħal kontemplat f'**regolament numru 4** jirreferi għal-lokalità li għandha Kunsill Lokali u mhux kumitat imwaqqaf bil-liġi tal-kunsilli lokali.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni mogħtija lir-**regolament numru 4** mill-konvenut ma hijiex raġonevoli.*

*Huwa evidenti minn qari ta' **regolament numru 4** illi l-awtorità kompetenti riedet twessa' l-possibbiltà ta' ftuħ ta' spiżeriji anke f'lokalitajiet żgħar. Bid-dovut rispett il-mod kif il-konvenut qed jinterpreta **regolament numru 4** iwassal għall-konklużjoni assurda li min abbozza **regolament numru 4** jew ma kienx jaf x'inhu jagħmel jew inkella ma kellux idea li hemm distinzjoni bejn lokalità b'kunsill lokali fuq naħa u raħal żgħir b'kumitat appuntat taħt il-liġi tal-kunsill lokali fuq naħa oħra. Għas-Suprintendent konvenut tal-ewwel jassorbixxi lil tat-tieni bħal donnu regolament numru 4 ma jeżistix.*

*Tajjeb wieħed ifakkar illi l-**Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363)** effettivament ma jallokax kunsill lokali lil belt jew raħal iżda jipprovdi dwar lokalitajiet. Difatti **Artikolu 2 tal-Kap. 363** jipprovdi illi "lokalità" tfisser kull area b'konfini stabbiliti kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att; b'dan illi meta xi konfini stabbiliti jgħaddu minn ġo triq li taqsam żewġ lokalitajiet, iż-żewġ naħat ta' dik it-triq ikunu jiffurmaw parti minn dik il-lokalità kif tiġi indikata permezz ta' vleġeġ." Kap. 363 la jagħti definizzjoni ta' "belt" u lanqas ta' "raħal" u wisq anqas ta' "raħal żgħir". Interessanti illi mill-corpus juris kollu nazzjonali, il-frażi "irħula żgħar" (hamlets) tintuża biss f'dawn ir-regolamenti u fl-ebda liġi prinċipali jew liġi sussidjarja oħra.*

*Meta s-Suprintendent tas-Saħħa ta' dak iż-żmien, Dr Raymond Busuttil, kien xehed f'dawn il-proċeduri, kien iddefenda l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward billi xehed illi għalih ir-referenza li l-liġi sussidjarja tagħmel għall-irħula żgħar li għandhom kumitat taħt il-liġi tal-kunsilli lokali ma għandhiex l-effett pretiż mill-attriċi għaliex skont Dr Busuttil "il-Kumitat huwa parti integrali mill-Kunsill Lokali". Għal Dr Busuttil ir-referenza għall-kumitat kienet prattikament l-istess bħala referenza għall-kunsill lokali tal-istess lokalità. U f'każ li l-liġi qed tipprovdi illi raħal żgħir (hamlet) b'kumitat taħt il-liġi tal-kunsilli lokali kellha dritt għal spiżerija, Burmarrad ma jikkwalifikax għaliex skont Dr Busuttil il-kumitati li għalihom qed jirreferi Regolament numru 4 ma humiex il-Kumitati Amministrattivi li fil-jum li fih l-attriċi applikat kellu Burmarrad; iżda l-kumitati li kienu jeżistu qabel ġew imwaqqfa l-Kumitati Amministrattivi.*

***Artikolu 47 tal-Att dwar Gvern Lokali** kif emendat bl-**Att XXI tal-1999** kien jaqra hekk:*

> *«15 "(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kunsill jista' jaħtar kumitati bil-għan biss li jkun jista' jassisti l-Kunsill fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu.*
>
> *(2) Kumitati maħtura taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu magħmula minn Chairman magħżul minn fost il-Kunsillieri u minn mhux iktar minn erba' persuni oħra li m'hemmx għalfejn ikunu Kunsillieri.*
>
> *(3) Il-kumitati jibqgħu fil-kariga sakemm ikunu xolti mill-Kunsill jew sat-tmiem taż-żmien tal-ħatra tal-Kunsill.*
>
> *[...]*
>
> *(5) (a) Meta lokalità tkun tinkludi iżjed minn belt, raħal jew raħal żgħir wieħed, il-Kunsill għandu jaħtar kumitat għal kull belt, raħal jew raħal żgħir li jkollu popolazzjoni ta' iktar minn wieħed minn għaxra iżda inqas minn nofs il-popolazzjoni ta' dik il-lokalità sabiex jirrapporta regolarment dwar il-ħtiġijiet tal-belt, raħal jew raħal żgħir partikolari li għalih ikun inħatar il-kumitat...........»*

***Artikolu 47A tal-Att dwar Gvern Lokali** ġie miżjud bis-saħħa tal-**Att XXI tal-1999** li sussegwentement ġie emendat bl-**Att XVI tal-2003** u fil-mument li daħlet fis-seħħ il-**L.S. 458.16** kien jipprovdi hekk:*

> *«(1) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 ta' dan l-Att għandhom japplikaw wkoll ghal dawk il-bliet, rħula jew irħula żgħar, bħalma hemm imsemmija fis-subartikolu 6 (a) tal-artikolu msemmi, u li jinsabu elenkati fid-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att u li f'dan l-artikolu qegħdin jissejħu "rħula żgħar elenkati".*
>
> *(2) Rħula żgħar elenkati jkunu dawk l-irħula żgħar li jinsabu elenkati taħt id-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att markati bil-konfini, inklużi t-toroq tagħhom, kif murija fl-imsemmija Skeda għar-rigward ta' kull raħal żgħir.*
>
> *[ ... ]*

> *(6) Kull Kunsill ta' lokalità li jkollu raħal żgħir elenkat għandu jaħtar kumitat għal kull raħal żgħir, u dak il-kumitat ikun preseduta minn Kunsillier u jkun jikkonsisti f'erba' membri li jkollhom il-jedd li jivvotaw u li ismijithom [recte: isimhom] ikunu jidhru taħt dak ir-raħal żgħir fir-Reġistru Elettorali;*
>
> *Iżda dak in-numru ta' membri oħra jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn tnejn b'Ordni tal-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali.*
>
> *(7) Dawk il-Kunsilli li jkollhom l-irħula żgħar elenkati għandhom jipprovdu separatament għall-ħtiġijiet ta' dawk l-irħula żgħar fl-estimi ta' nefqa approvata skont l-artikolu 56 u fil-pjan ta' tliet snin approvat skont l-artikolu 59.*
>
> *(8) Il-kumitat stabbilit skont is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għandu jsejjaħ laqgħa tal-lokalità għar-residenti tar-raħal żgħir elenkat għall-inqas darba fis-sena u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 ta' dan l-Att għandhom sal-limitu li jkunu applikabbli jkunu japplikaw wkoll għal dik il-laqgħa, iżda dik il-laqgħa għandha ssir mill-inqas ħmistax-il jum qabel il-jum meta tkun se ssir il-laqgħa tal-lokalità mill-Kunsill.»*

*L-**Artikolu 47A** ġie kompletament sostitwit bl-**Att XVI tal-2009** u fil-mument tal-applikazzjoni mertu tal-kawża u fil-mument tal-intavolar ta' din l-azzjoni, l-imsemmi artikolu kien jaqra hekk:*

> *«(1) Il-komunitatjiet għandhom ikunu dawk li jinsabu elenkati fid-Disa' Skeda, liema Skeda għandha tistabbilixxi ukoll il-konfini ta' kull komunità u t-toroq li jinsabu fihom.*
>
> *(2) Il-Ministru jista' jżid jew inaqqas mil-lista ta' komunitajiet elenkati fid-Disa' Skeda skont il-proċeduri stabbiliti fis-subartikoli (3) u (4).*
>
> *(3) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-lokalità jiddikjara area ġewwa l-lokalità bħala komunità għall-finijiet tal-liġi u b'hekk permezz ta' regolamenti din tiżdied mad-Disa' Skeda.*
>
> *[...]*
>
> *(5) Kull komunità elenkata fid-Disa' Skeda għandu jkollha Kumitat Amministrattiv li jiġi elett f'elezzjoni apposta li ssir fost ir-residenti reġistrati f'dik il-komunità. L-elezzjoni għall-ħatra ta' Kumitat Amministrattiv għandha tinżamm skont regolamenti li jsiru mill-Ministru.*
>
> *(6) Il-Kumitat Amministrattiv għandu jkun iffurmat minn ħames persuni li għandhom iservu għal perjodu ta' erba' snin. Il-Kumitat fl-ewwel laqgħa tiegħu għandu jaħtar Chairperson minn fost il-ħames persuni eletti.»*

*Kif rajna, bl-**Att XVI tal-2009** il-kumitat għall-irħula żgħar anteċedentement magħżul mill-kunsill lokali sar kumitat magħżul mir-residenti ta' dak l-istess raħal żgħir. Bl-emendi li kienu saru bis-saħħa ta' l-**Avviż Legali 179 tal-2010 fl-Att dwar Kunsilli Lokali**, Burmarrad ġie inkluż fid-**Disa' Skeda tal-Kapitolu 363** u ċjoè ġie inkluż fl-elenku tal-komunitajiet f'Malta. B'konsegwenza tal-**Att XVI tal-2009** li emenda l-*

***Artikolu 47A tal-Kapitolu 363**, il-komunitajiet elenkati fl-imsemmi **Skeda**, issa kellhom Kumitat Amministrattiv.*

*Bl-**Att XVI tal-2009** ġie introdott il-kunċett ta' "komunità" li tfisser "kull raħal kif elenkat fid-Disa' Skeda". Burmarrad huwa wieħed mill-irħula fil-fatt elenkati fl-imsemmija Skeda.*

*Din il-Qorti tqis li huwa pertinenti li jiġi nnutat li l-**Artikolu 47A** fis-sena 1999 kien diġà jagħmel referenza għall-kumitati u kien obbligu fuq kull Kunsill Lokali li jappunta kumitat fejn hemm raħal żgħir elenkat. Fis-sena 2009 ma baqgħetx issir referenza biss għall-kumitat iżda bdew jissejħu Kumitat Amministrattiv, bid-differenza wkoll li bdew jiġu eletti mir-residenti ta' dik il-komunità.*

*Imiss issa jiġi meqjus jekk id-definizzjoni ta' 'belt' fil-**L.S. 458.16** għandhiex tinftiehem li fejn hemm Kumitat Amministrattiv għal xi Komunità ġewwa l-konfini ta' Lokalità jkunx ifisser li japplika għal dik il-Komunità r-regoli delineati fl-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja applikabbli għal kull belt u raħal, fost oħrajn, il-kwota minima ta' spiżeriji f'kull belt jew raħal; id-distanza minima bejn spiżerija eżistenti u spiżerija ġdida; kif ukoll ir-ratio ta' spiżerija għal kull elfejn u ħames mitt abitant f'dik il-belt jew raħal.*

*Dan huwa eżerċizzju li sar diġà mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u tħejja rapport bit-titolu **'Rapport lill-Kamra tad-Deputati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman: Applikazzjoni biex tinfetaħ spiżerija f'komunità fejn hemm Kumitat Amministrattiv**' u ppubblikat f'Novembru 2011. Din il-Qorti sejra għalhekk tislet minn dan ir-rapport dak li tqis li huwa ta' relevanza:*

> *«6. [...]*
>
> *b) meta ġew ippubblikati dawn ir-Regolamenti, l-artikoli 47 u 47A tal-Att kienu jagħmlu referenza għal irħula/żgħar u li għalihom il-Kunsill Lokali relattiv seta' – u fil-każ tal-irħula elenkati fid-Disa' Skeda, kellu – jaħtar kumitat. Dan il-kumitat ma kienx kumitat elett mill-abitanti tal-istess raħal żgħir iżda appuntat mill-Kunsill Lokali relattiv. Barra minn hekk artikolu 47A kien jgħid ukoll li l-provedimenti ta' artikolu 47 japplikaw għall-irħula żgħar elenkati fid-Disa' Skeda tal-Att. Din l-iSkeda kienet tinkludi numru ta' rħula żgħar iżda sa dak iż-żmien meta ġew ippubblikati r-Regolamenti, mhux lil Burmarrad.*
>
> *Għaldaqstant għandu jiġi interpretat li kull raħal żgħir li kien elenkat fid-Disa' Skeda tal-Att qabel din ġiet emendata, kien jikkwalifika bħala belt jew raħal għall-fini tar-Regolamenti u skont l-istess Regolamenti, seta' jkollu mhux anqas minn żewġ spiżeriji liċenzjati – dan dejjem jekk il-Kunsill Lokali li jifforma parti minnu kien osserva l-liġi u kien appunta kumitat għalih. Dan għax fid-definizzjoni ta' "belt" fir-Regolamenti hemm inklużi rħula żgħar li jkollhom kumitat maħtur;*
>
> *ċ) l-emendi tal-Att dwar Kunsilli Lokali introdotti permezz tal-Att XVI tal-2009 biddlu s-sitwazzjoni billi tneħħiet kull referenza għal "irħula żgħar"*

*(hamlets) fil-liġi u skont l-artikolu 47A dawn saru jissejħu komunitajiet. Dawk li qabel l-2009 kienu jissejħu rħula żgħar […] – kollha qabel imniżżla bħala rħula żgħar fid-Disa' Skeda – issa, permezz tal-emenda tal-2009, saru jissejħu komunitajiet li l-istess liġi kkunsidrathom bħala rħula.» (Rapport lill-Kamra tad-Deputati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman: Applikazzjoni biex tinfetaħ spiżerija f'komunità fejn hemm Kumitat Amministrattiv', paġni 34 u 35).*

*Kompla jingħad hekk:*

*«10. Kif spjegajt f'paragrafu 6 ta' dan ir-Rapport, fiż-żmien li ġew ippubblikati r-Regolamenti, sew l-artikolu 47 u 47A tal-Att dwar Kunsilli Lokali kienu rispettivament jipprovdu għall-kumitati li Kunsill Lokali seta', jew fil-każ tal-artikolu 47A kellu, jappunta kumitat li ma kienx elett mir-residenti tal-irħula/żgħar. Anzi l-artikolu 47A dak iż-żmien kien jgħid li l-provvedimenti ta' artikolu 47 dwar dawn il-kumitati kienu japplikaw għall-kumitati li jkunu appuntati mill-Kunsilli Lokali fl-irħula żgħar elenkati fid-Disa' Skeda tal-Att. Huwa validu għalhekk li tikkonkludi li ladarba r-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji jiddefinixxu "belt" jew "raħal" bħala lokalitajiet, inklużi rħula żgħar kollha (u żoni ċirkostanti) li jkollhom Kunsill Lokali jew kumitat hekk appuntat taħt l-Att u li jkunu bħala tali jikkwalifikaw taħt l-Att, l-istess Regolamenti fetħu t-triq sabiex dawk l-irħula żgħar li dak iż-żmien kienu diġà elenkati fid-Disa' Skeda tal-Att setgħu jikkwalifikaw bħala "belt" jew "raħal" u jsiru intitolati li f'kull wieħed jew waħda minnhom ikun hemm mill-anqas żewġ spiżeriji jekk ikollhom kumitat maħtur mill-Kunsill Lokali li jifformaw parti minnu. Tali kwalifika hija għal kollox indipendenti mill-popolazzjoni ta' dak ir-raħal żgħir.*

*11. Fl-2009 l-Att ġie emendat fis-sens li artikolu 47A ġie sostitwit u dawk li qabel kienu jissejħu rħula żgħar (anki fid-Disa' Skeda), issa saru jissejħu komunità u, aktar importanti, minflok "kumitat" appuntat mill-Kunsill, dawn sar ikollhom "Kumitat Amministrattiv elett mir-residenti". Għaldaqstant l-Att sar jikkontempla "kumitati" appuntati mill-Kunsill Lokali skont artikolu 47 u "Kumitati Amministrattivi" eletti mill-abitanti skont artikolu 47A. It-teżi prinċipali tal-Awtorità dwar il-Liċenzjar hi li l-kumitati kkontemplati f'artikolu 47 huma totalment differenti mill-Kumitati Amministrattivi li għalihom jipprovdi artikolu 47A. Il-kunċett ta' Kumitati Amministrattivi tfaċċa fil-liġi sentejn wara li kienu nħarġu r-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji u kien introdott bis-sostituzzjoni ta' artikolu 47A li kien fis-seħħ fiż-żmien meta ħarġu r-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji fl-2007. Hu għalhekk li l-istess Awtorità ssostni li d-definizzjoni ta' "belt" jew "raħal" fir-Regolamenti tirreferi biss għall-kumitati kif provdut f'artikolu 47 tal-Att. Li jrid jiġi deċiż hu jekk din l-interpretazzjoni hix waħda li tista' raġonevolment tingħata u kompatibbli man-normi ta' amministrazzjoni tajba.»*

*L-Ombudsman, il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Said Pullicino, wasal għall-konklużjoni li:*

*«13. Fl-2007 diġà kien stabbilit il-kunċett li l-irħula żgħar elenkati fid-Disa' Skeda tal-Att kienu jikkwalifikaw "on their own" għal spiżeriji fl-istess irħula jekk ikollhom kumitat appuntat mill-Kunsill Lokali tal-lokalità li kienu jiffurmaw parti minnha. Kif għidt qabel, sa dak iż-żmien Burmarrad ma kienx imniżżel bħala raħal (żgħir) fl-iSkeda u għalhekk ma kienx*

*speċifikament intitolat bil-liġi għal spiżerija fir-raħal irrispettivament minn spiżeriji oħra fil-lokalità li jifforma parti minnha.*

*14. L-Ombudsman ma jistax ma jikkunsidrax dan li ġej:*

*a) meta r-Regolamenti ġew ippubblikati fl-2007 dawn fetħu t-triq biex irħula żgħar seta' jkollhom spiżeriji, irrispettivament mil-lokalità li kienu jiffurmaw parti minnha;"(ibid. Paġni 40 – 41)*

*[ ...]*

*17. L-iżvilupp kronoloġiku tal-Att dwar Kunsilli Lokali li għalih tirreferi d-definizzjoni ta' "belt" jew "raħal" fir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji, juri biċ-ċar illi kieku l-emenda tal-2009 għall-Att ħalliet l-irħula żgħar elenkati fid-Disa' Skeda b'kumitat appuntat mill-Kunsill u ma għollietx l-istatus tal-istess kumitat għal wieħed elett u amministrattiv, kieku ma kien ikun hemm assolutament ebda argument biex tiġi rifjutata l-liċenza ladarba l-Kunsill tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar ikun appunta kumitat għal Burmarrad, kif kien ikun obbligat li jagħmel, wara li dan ir-raħal ġie inkluż fid-Disa' Skeda tal-Att. Dan għaliex, kif għidt aktar 'il fuq f'dan ir-Rapport, ir-Regolamenti jiddefinixxu "belt" (jew "raħal") billi jinkludu fl-istess definizzjoni rħula żgħar li jkollhom kumitat appuntat. Kieku d-definizzjoni ta' "belt" jew "raħal" kienet limitata biss għal lokalitajiet li għandhom Kunsill Lokali, il-leġislatur ma kienx jinkludi fl-istess definizzjoni l-irħula żgħar b'kumitat għax, skont l-Att, kull lokalità għandha Kunsill Lokali.*

*18. L-interpretazzjoni restrittiva u fl-opinjoni tiegħi żbaljata tal-Awtorità timplika li r-residenti ġew "kastigati" bl-emendi tal-2009 għax minflok kumitat appuntat mill-Kunsill Lokali, issa ngħataw id-dritt li jeleġġuh huma l-kumitat biex ikollu aktar saħħa (ċertament morali, apparti mil-liġi) biex jamministra u jħares il-ħtiġijiet tal-istess komunità. Din hi l-bidla li saret. Ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li l-emendi tal-2009 jbiddlu dak li l-irħula żgħar inklużi fid-Disa' Skeda tal-Att kellhom possibbiltà għalih sa minn meta ġew ippubblikati r-Regolamenti fl-2007 (ibid. Paġni 43 – 44).»*

*Din il-Qorti mingħajr ebda eżitazzjoni tistqarr li taqbel perfettament mad-deliberazzjonijiet espressi mill-Ombudsman fir-rigward tal-liġi sussidjarja in diżamina.*

*Skont il-Liġi Sussidjarja promulgata bl-**Avviż Legali 279 tal-2007**, kull raħal żgħir jew żona ċirkostanti li jkollha kumitat imwaqqaf taħt il-liġi tal-Kunsilli Lokali kellu jiġi kkunsidrat, għal finijiet tar-Regolamenti għall-ħruġ ta' liċenzji ta' spiżeriji bħala belt jew raħal bid-dritt indipendenti li jkollu spiżeriji skont il-kriterji applikabbli għall-irħula u bliet. Fil-fehma tal-Qorti interpretazzjoni mod ieħor ma tagħmilx sens. Kieku l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenut hija korretta, ma kienx jagħmel sens li l-leġislatur joqgħod isemmi il-kliem "raħal żgħir" u "żoni ċirkostanti" fid-definizzjoni ta' "belt" għall-finijiet tal-ħruġ ta' liċenzja iżda kien jillimita ruħu għal-lokalità.*

*Inoltre, Regolament 2 tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 458.46** tirreferi għal kumitat "hekk appuntat taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali" u mhux - hekk appuntat mill-Kunsilli Lokali -. Il-Kumitati Amministrattivi huma wkoll appuntati taħt l-**Att dwar il-Kunsill Lokali**.*

*Din il-Qorti hija tal-fehma li fiż-żmien rilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna il-kumitat li għalih jirreferi r-**Regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji**, għandu jinftiehem li qed jirreferi għal xejn aktar milli l-Kumitati Amministrattivi eletti mill-komunità sabiex jamministraw il-komunitajiet elenkati fid-Disa' Skeda.*

*Il-Qorti, bħal Ombudsman fir-rapport tiegħu, tissottolinja li d-definizzjoni ta' "komunità" mogħtija bl-emendi tal-2009 fl-**Att dwar Kunsilli Lokali** hija "kull raħal kif elenkat fid-**Disa' Skeda**". Min-naħa l-oħra **Regolament 2 tal-Avviż Legali 279 tal-2007** jipprovdi li l-kelma "raħal" għandha l-istess definizzjoni ta' "belt".*

*Fil-fehma tal-Qorti l-ispirtu inerenti fir-regolamenti għall-ħruġ ta' liċenzji ta' spiżeriji kien proprju sabiex komunità ta' raħal żgħir bħalma huwa Burmarrad ikollu spiżerija fi ħdanu sabiex il-komunità ta' dan ir-raħal żgħir tkun moqdija aħjar.*

*Dan magħdud, mhux kull raħal żgħir seta' jew jista' għall-finijiet tal-**Avviż Legali 279 tal-2007** jitqies bħala belt bid-dritt għal spiżerija. Sabiex jikkwalifika għal spiżerija huwa meħtieġ li tali komunità jkollha d-dritt teleġġi kumitat amministrattiv bħalma hu Burmarrad.*

*Kif ben osservat dwar l-istess avviż legali mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Reginald Fava pro et noe vs. Supretendent tas-Saħħa et (Rik Ġur 278/2010)** mogħtija fil-11 ta' Mejju 2010:*

> *«L-iskop tal-Avviż Legali ma huwiex xi interess privat, iżda dak komunitarju fl-interess tar-residenti ta' kull belt jew raħal f'Malta, u, fil-każ tal-paragrafu (2) tar-regolament 4, l-interess tar-residenti tal-Gżejjer in ġenerali. Din il-Qorti eżaminat l-Avviż Legali kollu u tara li r-regolamenti hemm kontenuti saru fl-interess pubbliku, partikolarment tal-konsumatur. [...] Konsumatur li joqgħod f'tarf ta' belt jew raħal żgur iħossu "skomdu" jekk, f'każ ta' emerġenza, ikun irid imur fit-tarf l-ieħor fejn ikun hemm ġemgħa ta' spiżeriji biex jixtri mediċina.»*

*Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut jintilef jargumenta illi r-restrizzjoni skont hu li tinfetaħ spiżerija jew aktar f'Burmarrad qiegħda hemm primarjament sabiex tipproteġi lil ħadd aktar milli lill-applikanta minn falliment finanzjarju. Argument dan li bid-dovut rispett għandu mill-assurd.*

*Ma hu minnu xejn illi r-regolamenti tan-numerus clausus fil-ħruġ tal-liċenzji tal-ispiżeriji qegħdin hemm sabiex jipproteġu lill-investituri fl-ispiżeriji bħalma donnu qed jargumenta l-konvenut iżda qegħdin hemm primarjament sabiex jipproteġu lill-popolazzjoni milli jkollok konċentrazzjoni żejda ta' spiżeriji fil-qalba tal-ibliet u rħula u xejn fil-*

*periferiji jew irħula żgħar. Proprju il-maqlub ta' dak li jargumenta l-konvenut.*

*Interessanti u rilevanti għall-kawża odjerna l-kliem introduttorju tal-Advocate General fl-opinjoni tiegħu tat-30 ta' Settembru 2009 fil-każijiet "**Josè Manuel Blanco Perez u Maria del Pilar Chao Gomez (C-570/07 u C571/07**" fejn b'referenza mill-qrati Spanjoli dwar ir-restrizzjonijiet imposti fuq in-numru ta' spiżeriji ġewwa Spanja introduċa l-opinjoni tiegħu bil-kliem:*

> *«To follow the lines of Shakespeare we could say that at the core of this case is the extent to which guaranteeing the quality of pharmaceutical services requires making some pharmacists rich.»*

*Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'sentenza mogħtija mill-Grand Chamber fl-1 ta' Ġunju 2010 fl-istess każijiet **Josè Manuel Blanco Perez and Maria del Pilar Chao Gomez v. Consejeria de Salud y Servicios Sanitarios (C570/07) u Principado de Asturias (C-571/07)** iddikjarat illi għalkemm huwa permissibbli taħt il-Liġi Ewropea regolamenti restrittivi simili bħal dawk li nsibu fil-liġijiet nostrani; fl-istess ħin tali restrizzjonijiet għandhom il-limiti tagħhom fejn jirrigwardja komunitajiet partikolari:*

> *«Nevertheless, Article 49 TFEU precludes such national legislation in so far as the basic '2 800 inhabitants' and '250 metres' rules prevent, in any geographical area which has special demographic features, the establishment of a sufficient number of pharmacies to ensure adequate pharmaceutical services, that being a matter for the national court to ascertain.»*

*Għaldaqstant, bil-kontra ta' dak li xehed il-konvenut, il-liġi sussidjarja ma hijiex hemm sabiex tnaqqas il-possibbiltà ta' spiżerija fejn hemm lokalitajiet relattivament żgħar imma proprju sabiex iżżid tali possibbiltà.*

*Għal dawn ir-raġunijiet fuq spjegati l-Qorti tikkonkludi illi ġaladarba Burmarrad kien jikkwalifika bħala komunità bi dritt ta' kumitat taħt il-liġi tal-Kunsilli Lokali, irrispettivament jekk hux Kumitat magħżul mill-Kunsill Lokali jew Kumitat Amministrattiv elett, fit-termini tal-Avviż 25 Legali 279 tal-2007, jikkwalifika li jkollu fi ħdanu spiżeriji ai termini tal-kriterji stabbiliti fil-liġi.*

*Issib għalhekk illi l-ewwel talba attriċi hija fondata u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut kiser il-liġi meta ma pproċessax l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija ġewwa Burmarrad.*

***Rimedji**.*

*Tajjeb jiġi enfasizzat illi bil-liġijiet viġenti l-Qorti hija mogħtija s-setgħa li tħassar għemil amministrattiv li permezz tiegħu l-applikazzjoni tal-attriċi ma ġietx ipproċessata u tordna li tali applikazzjoni minflok tiġi*

*proċessata. Iżda mill-banda l-oħra ma hijiex mogħtija s-setgħa li tipproċessa l-applikazzjoni hi jew li tordna l-ħruġ ta' liċenzja hi.*

*Ingħad fil-fatt li: «judicial review can set aside a decision and compel duties to be performed but it cannot substitute a better decision. Only merits review can substitute a correct or more preferable decision» (Justice D Kerr, 'The Intersection of Merits and Judicial Review: Looking Forward' (2013) 32 University of Queensland Law Review, 9).*

*...*

*In konklużjoni, l-Qorti tista', kif sejra tagħmel, tordna lill-intimat jipproċessa l-applikazzjoni; iżda ma tistax tagħmel hi l-evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.*

*Għalhekk il-Qorti ssib li t-tieni talba attriċi hija fondata u qed tordna lill-konvenut sabiex jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja ta' spiżerija relattiva għall-fond 121, Triq Burmarrad, Burmarrad.*

***Danni**.*

*Bis-saħħa ta' din l-azzjoni, l-attriċi qiegħda titlob ukoll il-ħlas ta' danni u dan in konsegwenza tal-aġir irraġonevoli tal-konvenut meta rrifjuta li jipproċessa l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija ġewwa Burmarrad.*

*Artikolu 469A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:*

> *«(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.»*

*L-attriċi spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi mhux qed tallega mala fede fil-konfront tal-konvenut iżda tisħaq li d-deċiżjoni tas-Suprintendent tas-Saħħa fil-konfront tagħha hija irraġonevoli kif del resto ikkonkluda l-Ombudsman.*

*Huwa meħtieġ li qabel ma l-Qorti titratta jekk jirriżultawx l-estremi għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni da parti tal-konvenut, jiġi qabel xejn fi tmiemu l-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-attriċi.»*

10. B'verbal magħmul fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2023, il-partijiet

iddikjaraw li fit-2 ta’ Marzu, 2023 l-attriċi ġiet mogħtija liċenzja għal spiżerija dwar il-post mertu tal-kawża. Kien fadal għalhekk biss li jiġu deċiżi t-talbiet tal-attriċi dwar il-ħlas għad-danni.

11. Aktar tard, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza finali tagħha fit-23 ta’ Novembru, 2023, fejn fiha hija ċaħdet it-talbiet għall-ħlas ta’ kumpens għad-danni li ġew mitluba mill-attriċi. Dan għamlitu għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

> *«Permezz ta’ din is-sentenza l-Qorti trid tikkunsidra jekk wara li b’sentenza tal-24 ta’ Marzu, 2022 il-konvenuta ġiet misjuba li naqset meta ma pproċessatx l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta’ liċenzja għal spiżerija u ġiet ordnata sabiex tipproċessaha entro tliet xhur, hijiex ukoll responsabbli għad-danni reklamati mill-attriċi.*
>
> *Kif rajna, wara s-sentenza in parte l-konvenuta ħarġet a favur l-attriċi liċenzja ta’ spiżerija, liema liċenzja nħarġet mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijiet tal-konvenuta f’din il-kawża. Il-validità tal-liċenzja ntrabtet mal-eżitu finali ta’ din il-kawża inkluż appell jekk ikun il-każ. Sa issa ġew milqugħa l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi:*
>
>> *«1) Tiddikjara li l-intimat illegalment naqas milli jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta’ liċenza għal spiżerija relattivament għall-fond 96, (illum numerat uffiċjalment 121), Triq Burmarrad, Burmarrad;*
>>
>> *2) Tordna lill-intimat sabiex jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta’ liċenza għal spiżerija relattivament għall-fond 96 (illum numerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad, prevja dikjarazzjoni li Burmarrad jikkwalifika bħala “belt” għall-finijiet tar-Regolamenti dwar Liċenzi għall-Ispiżeriji.»*
>
> *Permezz tat-tielet talba attriċi il-Qorti qed tintalab:*
>
>> *«3) “Tiddikjara li l-intimat, konsegwentement għall-aġir irraġonevoli tiegħu konsistenti fir-rifjut li jipproċessa l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ ta’ liċenzja għal spiżerija relattivament għall-fond 96 (illum numerat uffiċjalment 121) Triq Burmarrad, Burmarrad, huwa responsabbli għad-danni subiti mill-esponenti konsistenti f’damnum emergens u lucrum cessans;»*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tgħid illi qed titlob id-danni ai termini tal-**Artikolu 469A (5) tal-Kap. 12** peress li ssostni illi in-nuqqas tal-intimat li jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi kien aġir irraġonevoli.*

***Artikolu 469A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jaqra hekk:*

> *«(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.»*

*Bħala punt ta' tluq tajjeb jiġi puntwalizzat illi l-fatt waħdu li għemil amministrattiv jiġi mħassar ma jissarrafx f'jedd awtomatiku li wieħed jingħata kumpens għad-danni. Biex wieħed jista' jitlob id-danni kemm taħt il-Kodiċi Ċivili u kif ukoll taħt il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bħala riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva li ġiet imħassra minn qorti jew tribunal, jeħtieġ li jintwera li dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet abbużivament jew b'mod irraġonevoli. (**Kenneth Mamo v. L-Awtorità Għat-Transport f'Malta** - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 19 ta' Ottubru, 2023).*

*L-attriċi spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi mhux qed tallega mala fede fil-konfront tal-konvenuta iżda tisħaq li d-deċiżjoni tas-Suprintendent tas-Saħħa fil-konfront tagħha hija irraġonevoli kif del resto ikkonkluda l-Ombudsman (Paġna 673 tal-proċess).*

*Għandu jingħad li minn qari tad-diversi sentenzi jistgħu jinstiltu numru ta' prinċipji regolanti talbiet għad-danni konsegwenza ta' reviżjoni ta' għemil amministrattiv:*

*(i) l-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u mhux obbligatorju; (**All for Property Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)** - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 16 ta' Diċembru, 2019).*

*(ii) meta qorti tintalab tgħaddi għall-għoti ta' danni minħabba l-għemil amministrattiv, dan jitlob li dik il-Qorti ma tinsiex il-funzjoni tagħha li ma tidħolx minflok l-awtorità li tkun qiegħda tistħarreġ. Jitlob ukoll li jekk tqis li għandha tagħti kumpens għad-danni mġarrba, dan għandha tagħmlu biss jekk kemm-il darba jirriżultaw xi waħda jew aktar mill-kontinġenzi speċifiċi maħsuba mil-liġi (**Mizzi Antiques Ltd. v. Chairman tal-Malta Enterprise et** - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 31 ta' Jannar, 2019);*

*(iii) l-għoti ta' kumpens jitlob li l-ewwel ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib l-għemil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu;*

*(iv) il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo u ma tiġborx fiha danni morali;*

*Skond* ***Artikolu 469A (5)*** *sabiex persuna tista' tirreklama ħlas ta' danni trid tagħmel il-prova li r-responsabbiltà tal-awtorità pubblika ġiet minn delitt jew kważi-delitt. Mhux biżżejjed li l-għemil amministrattiv ikun ġie mħassar. Fil-każ odjern rajna illi l-għemil amministrattiv impunjat kien in-nuqqas tal-konvenut li jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-liġijiet rilevanti.*

*L-attriċi kienet applikat għal-liċenzja ta' spiżerija fit-23 ta' April 2008. Sussegwentement irċeviet ittra mill-Awtorità tal-Mediċina datata 2 ta' Ġunju 2008 tinformaha illi "This is to acknowledge the receipt of payment of €349.41 by bank transfer for an application to open a new pharmacy. Now the application is in the waiting list with the applications to open a new pharmacy in Burmarrad."*

*Bdew għaddejjin ix-xhur u s-snin u l-attriċi baqgħet mingħajr risposta.*

*Kien f'Ottubru 2009 illi saru emendi fl-Att dwar il-Kunsill Lokali b'mod partikolari l-****Avviż Legali 179 tal-2010*** *li permezz tiegħu ġew mgħoddija ir-regolamenti intitolati "****The Local Councils Act (Amendment of the Ninthy Schedule) Regulations, 2010****" fejn Burmarrad ġie inkluż fid-disa' skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jelenka liema postijiet għandhom jitqiesu bħala komunità filwaqt li postijiet bħal Burmarrad ġie definit bħala "raħal" u allura intitolat għal żewġ spiżeriji skont* ***Regolament numru 4 tar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji" (A.L. 279 ta' l-2007)****.*

*Peress li baqgħet mingħajr risposta u invista tad-dħul fis-seħħ tal-****Avviż Legali 198/2010*** *f'Lulju 2010, l-attriċi ressqet ilment quddiem l-Ombudsman tinsisti li l-applikazzjoni tagħha kellha tiġi proċessata fid-dawl tal-emendi li kienu għadhom kemm daħlu fis-seħħ.*

*F'Novembru 2011 l-Ombudsman ta l-Opinjoni Finali tiegħu fis-sens illi l-applikazzjoni tal-attriċi kellha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-emendi leġislativi li skont l-Ombudsman kienu jintitolaw lill-attriċi li l-applikazzjoni tagħha tiġi proċessata bħala applikazzjoni għal-lokalità ta' Burmarrad u mhux bħala applikazzjoni għal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar.*

*Sew waqt l-investigazzjoni tal-Ombudsman kif ukoll wara l-ħruġ tal-Opinjoni Finali tiegħu l-intimat baqa' jsostni illi ma kienx obbligat jikkunsidra lil Burmarrad bħala 'belt' jew 'raħal' għall-finijiet tar-regolamenti dwar il-ħruġ ta' liċenzja ta' spiżerija.*

*Bis-sentenza in parte mogħtija aktar qabel f'dawn il-proċeduri l-intimata ġiet ordnata sabiex tipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi fi żmien tliet xhur kif ukoll sabiex waqt dak il-proċess tikkunsidra lil Burmarrad bħala 'belt' jew 'raħal' għall-finijiet tar-****Regolamenti dwar Liċenzji għall-Spiżeriji****.*

*U hekk għamlet il-konvenuta sussegwentement, ipproċessat l-applikazzjoni tal-attriċi wara li l-attriċi ottjeniet il-permess ta' żvilupp relattiv mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, u ħarġitilha liċenzja għal spiżerija, dejjem mingħajr preġudizzju għal dawn il-proċeduri.*

*Kif rajna, bil-fatt li l-Qorti sabet li l-intimata naqset meta ma pproċessatx l-applikazzjoni tal-attriċi ma jwassalx awtomatikament għal responsabbiltà ta' danni.*

*Sabiex tirnexxi fit-talba tagħha għad-danni l-attriċi kien jeħtiġilha qabel xejn tipprova sodisfaċentement illi l-konvenuta hija responsabbli ta' delitt jew kważi delitt ai termini tal-**Artikoli 1029 et seq tal-Kapitolu 16**.*

*Id-delitt huwa eskluż mill-istess attriċi meta tissottometti illi ma tqisx li l-konvenuta aġixxiet in mala fede.*

*Jibqa' jiġi kkunsidrat jekk hux responsabbli għal kważi-delitt fil-parametri tal-**Artikoli 1031, 1032** u **1033 tal-Kap. 16**.*

*L-għoti ta' kumpens taħt **Artikolu 469A** jippresupponi li jkun sar stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-egħmil amministrattiv milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir. Fil-kawża odjerna l-Qorti sabet li l-konvenut kien naqas peress li ma ħax deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-attriċi u imponiet terminu sabiex jipproċessa l-applikazzjoni tagħha.*

*Il-bażi tal-ħsara mitluba taħt **Artikolu 469A (5)** trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali (**Denise Buttigieg v. Rettur tal-Università ta' Malta et** - Prim' Awla - 22 ta' Diċembru, 2003).*

*Id-dolo ġie eskluż mill-attriċi stess. Jibqa' li jiġi mistħarreġ jekk bl-aġir tiegħu il-konvenut kienx negliġenti. Dan l-aspett tal-vertenza ħasseb lill-Qorti mhux ftit. Il-konvenut, sentejn wara li ġiet intavolata l-applikazzjoni mill-attriċi, kien mistenni li jinterpreta l-liġijiet rilevanti kif kienu ġew emendati fis-sena 2010. Il-Qorti ġa iddeċidiet li ma taqbel xejn mal-interpretazzjoni tal-liġi li kien qed jagħti l-konvenut. Però interpretazzjoni żbaljata tal-liġi ma twassalx neċessarjament għal nuqqas ekwivalenti għal kważi-delitt.*

*Il-punt tat-tluq huwa l-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili** fejn jipprovdi li "[k]ull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu." Però min ma jagħmilx użu tal-jedd tiegħu fil-qies, huwa tenut iħallas id-danni li jiġru minħabba t-tort tiegħu (**Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16**), u huwa fit-tort min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' bonus pater familias (**Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16**). Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (**Artikolu 1033 tal-Kapitolu 16**). Finalment*

*l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni u dan billi jgħid li l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib. Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

*Dawn il-prinċipji ġew ikkunsidrati diversi drabi mill-Qrati nostrani fosthom fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Diċembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut et v. Chief Government Medical Officer et** (Ċit Nru 2804/1996) fejn ġie riaffermat li [...] għal dik li hija responsabbiltà tal-inċident de quo skont l-artikolu 1031 tal-Kap 16 jingħad li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". ("**Paul Zahra v. Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**" - A.C. 3 ta` Diċembru 1991). Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb ta' familja". Fis-sentenza "**Anthony Zerafa v. Joseph Sacco**" mogħtija mill-Prim'Awla fid-29 ta` Marzu 2001 ingħad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu jikkawża ħsara lil ħaddieħor, għandu jirrispondi għal tali ħsara hekk ikkawżata, u dan jagħti lok kemm għall-azzjoni kriminali u kemm għall-azzjoni ċivili".*

*Hu magħruf, li ma' dawn il-prinċipji għandu jiġi kkunsidrat ukoll li f'azzjoni għad-danni li jitnisslu minn delitt jew kważi-delitt, l-attur jeħtieġlu jipprova n-nexus (in-ness) bejn l-aġir tal-konvenut u dannu soffert mill-attur. Fis-sentenza **George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-2 ta' Marzu 1962 ingħad illi: "mill-analiżi tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi, li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt [...] mhux biżżejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma hu meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert."*

*Wara li jiġi stabbilit id-delitt jew il-kważi-delitt, it-talba għad-danni mhux neċessarjament ikollha suċċess. Ikun għad jonqos illi tissodisfa ir-rekwiżiti sussidjarji ta' dolo jew aġir irraġonevoli.*

*...*

*Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza u tasal biex tikkonkludi illi ma ssibx illi l-konvenut huwa responsabbli għal kważi-delitt*

*fit-termini tal-**artikoli 1032** u **1033 tal-Kap. 16** moqrija flimkien mal-**Artikolu 469A (5) tal-Kap. 12**.*

*Huwa minnu illi din il-Qorti ma qablitx mal-interpretazzjoni tal-liġi li l-konvenut kien qed jagħti fil-ħsieb tiegħu li ma jilqax it-talba tal-attriċi, però mill-banda l-oħra l-interpetazzjoni li kien qed jagħti ma tikkwalifikax fil-fehma ta' din il-Qorti bħala "nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb" fit-termini tal-**Artikolu 1033 tal-Kap. 16**. Tqis għalhekk illi l-attriċi ma rnexxilhiex turi illi l-konvenut huwa responsabbli għal kważi-delitt li joħroġ minn għemil amministrattiv.*

*Konsegwentement ma hux meħtieġ li l-Qorti tindaga jekk in-nuqqas tal-konvenut jammontax għal aġir in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew jekk l-azzjoni mitluba mill-attur setgħetx legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

*Għaldaqstant ma ssibx li l-attriċi rnexxielha tipprova sodisfaċentement illi in-nuqqas tal-konvenut ravviżat u ddikjarat fis-sentenza in parte tal-24 ta' Marzu, 2022 jammonta għal aġir delittwuż jew kważi-delittwuz fit-termini tal-**Artikolu 469A (5) tal-Kap. 12**.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi t-talbiet u l-eċċezzjonijiet mhux deċiżi fis-sentenza in parte tal-24 ta' Marzu, 2022 billi,*

*1. **Tilqa'** r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta peress li qed issib illi l-att amministrattiv impunjat b'suċċess mill-attriċi permezz tas-sentenza in parte tal-24 ta' Marzu 2022 ma jammontax għal delitt jew kważi delitt fit-termini tal-Artikolu 469A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. **Konsegwentement tiċħad** it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi, peress li qed issib illi l-konvenuta ma hijiex responsabbli għad-danni reklamati mill-attriċi.*

*Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-attriċi.»*

12. L-attriċi Jane Mifsud appellat b'mod ewlieni minn din is-sentenza b'rikors tal-21 ta' Diċembru, 2023, b'żewġ aggravji li jistgħu jinġabru hekk: (i) li s-sentenza finali tat-23 ta' Novembru, 2023 ma taqbilx ma' dak li ngħad fis-sentenza parzjali tal-24 ta' Marzu, 2022 għaliex ladarba fl-ewwel sentenza ngħad li l-għemil amministrattiv tas-Suprintendent

konvenut kien wieħed illegali u irraġonevoli, allura fit-tieni sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib li l-għemil impunjat ma kienx jammonta għal kważi-delitt; u (ii) li f'kull każ is-Suprintendent konvenut wettaq aġir illeċitu u għalhekk huwa għandu jwieġeb għad-danni skont l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

13. Fil-parti aħħarija tal-appell tagħha, l-attriċi talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar it-tieni sentenza tat-23 ta' Novembru, 2023 u minflok tilqa' t-tielet talba tagħha li s-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika għandu jinżamm responsabbli għad-danni minħabba d-deċiżjoni ħażina li ħa illi ma jipproċessax it-talba tagħha għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija. B'żieda ma' dan, bil-għan li l-partijiet ma jitilfux il-benefiċċju tal-eżami doppju tal-kawża, l-attriċi talbet ukoll sabiex l-atti tal-kawża jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tiddeċiedi r-raba' u l-ħames talbiet tagħha dwar il-likwidazzjoni tal-ammont ta' flus li s-Suprintendent konvenut għandu jiġi kkundannat illi jħallasha bħala danni.

14. Is-Suprintendent konvenut wieġeb għal dan l-appell fil-25 ta' Jannar, 2024, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud. Minbarra risposta għall-appell, is-Suprintendent konvenut ressaq ukoll appell inċidentali sabiex din il-Qorti tal-Appell tħassar għalkollox l-ewwel sentenza li kienet ingħatat mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Marzu, 2022. Dan l-appell inċidentali tas-

Suprintendent konvenut ġie msejjes fuq żewġ aggravji: (i) li d-deċiżjoni tiegħu li ma jipproċessax it-talba tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja ma kinitx ħażina għaliex isostni li Burmarrad ma jikkwalifikax bħala belt jew raħal skont id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Liċenzji għall-Spiżeriji**; u (ii) li fl-għemil tiegħu huwa mexa b'mod legali u raġonevoli.

15. L-attriċi Jane Mifsud wieġbet għal dan l-appell inċidentali fit-28 ta' Frar, 2024. Minbarra li tat raġunijiet fil-mertu għaliex dan l-appell inċidentali mhuwiex mistħoqq, hija qalet ukoll li dan l-appell inċidentali għandu jiġi ddikjarat bħala null għaliex skontha dan l-appell ma kien inċidentali xejn u li f'kull każ dan l-appell inċidentali ma setax isir għaliex is-Suprintendent konvenut qagħad għas-sentenza appellata minnu stess peress li ta l-liċenzja lill-attriċi.

16. Bit-tħaddim tal-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** din il-Qorti appuntat dawn iż-żewġ appelli għas-smigħ permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Lulju, 2024.

17. Inżamm smigħ fis-17 ta' Ottubru, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ l-**<u>appell inċidentali</u>** tas-

Suprintendent konvenut fejn huwa qed ifittex għat-tħassir tal-ewwel sentenza li l-Ewwel Qorti kienet tat fl-24 ta' Marzu, 2022, meta laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-attriċi u ddikjarat bħala illegali u irraġonevoli d-deċiżjoni tal-konvenut li ma jipproċessax l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija f'post ġewwa Burmarrad. Ir-raġuni għal xiex sejra tibda billi tqis l-appell inċidentali hi, li jekk din il-Qorti ssib li dan l-appell inċidentali huwa fejjiedi, allura dan ikun ifisser li t-tieni sentenza tat-23 ta' Novembru, 2023 dwar it-tielet talba attriċi tkun ingħatat għalxejn u b'hekk din ikollha tiġi mħassra peress li l-istħarriġ ta' din it-tielet talba tiddependi mill-ilqugħ tal-ewwel żewġ talbiet. U jekk jiġi milqugħ l-appell inċidentali u jitħassru bħala riżultat kemm l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Ewwel Qorti, allura dan iġib ukoll bħala konsegwenza li din il-Qorti ma jkollhiex għalfejn toqgħod tistħarreġ l-appell prinċipali tal-attriċi li tressaq biss kontra t-tieni sentenza tal-Ewwel Qorti.

19. Iżda qabel ma tgħaddi biex tqis iż-żewġ aggravji li tressqu f'dan l-appell inċidentali, din il-Qorti jeħtiġilha tindirizza ż-żewġ preġudizzjali li l-attriċi ressqet kontra s-siwi ta' dan l-appell.

20. Fl-ewwel preġudizzjali tagħha, l-attriċi tisħaq li l-appell inċidentali tal-konvenut ma jiswiex għaliex tgħid li dan l-appell ma huwa inċidentali xejn. Targumenta li l-konvenut ma jistax jinqeda b'appell inċidentali sabiex jerġa' jiftaħ beraħ il-mertu kollu tal-kawża. Għalhekk l-attriċi ttenni

li jekk il-konvenut ried jattakka l-ewwel sentenza tal-24 ta' Marzu, 2022, allura huwa messu ressaq appell prinċipali u mhux appell inċidentali wara li kien diġà laħaq skada ż-żmien sabiex jitressaq l-appell prinċipali.

21. Imbagħad fit-tieni preġudizzjali tagħha, l-attriċi tgħid li f'kull każ l-appell inċidentali xorta waħda ma setax isir għaliex il-konvenut aċċetta li joqgħod għas-sentenza appellata meta ħarġilha l-liċenzja għal spiżerija.

22. Il-Qorti tħoss li jkun aħjar li tibda bit-tieni preġudizzjali tal-attriċi għaliex din tolqot fil-laħam il-ħaj il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut setax jappella mis-sentenza tal-24 ta' Marzu, 2022, ladarba l-attriċi qiegħda tgħid li l-konvenut qagħad għaliha.

23. F'dan ir-rigward l-**Artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid hekk:

> *«228. (1) **M'hemmx appell** mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba jew **minn sentenzi li l-parti taċċetta** bir-rinunzja għall-appell jew **billi toqgħod għal dak li tkun qatgħat is-sentenza**.»*

24. It-termini ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jitkellmu waħidhom.

25. Il-liġi ma taċċettax aġir li jkun kontradittorju (ara ***Dottor Tonio Azzopardi v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Novembru, 1992). Għalhekk, daqskemm ma jagħmilx sens li wieħed jappella minn sentenza meta parti tkun ammettiet

għat-talbiet miġjuba kontriha, daqshekk ieħor ma jagħmilx sens li wieħed jappella minn sentenza li minn jeddu jkun għażel li jobdiha. Fiż-żewġ ċirkostanzi l-interess ġuridiku ta' dak li jkun illi jappella minn dik is-sentenza jiġi maħnuq jew bl-ammissjoni għat-talbiet tal-attur jew inkella bis-sokkombenza għas-sentenza appellata.

26. Illi parti titqies li tkun qagħdet għas-sentenza appellata meta din twettaq atti li minnhom wieħed jifhem li din ma riditx tikkontesta aktar l-effetti legali li jkunu nħolqu bis-sentenza (ara ***Awtorità Marittima ta' Malta v. B & Y Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-4 ta' Ottubru, 2006). Naturalment din l-akkwiexxenza biex titqies bħala rinunzja taċita għad-dritt tal-appell trid tkun waħda ħielsa, spontanja u inkompatibbli max-xewqa li wieħed jilmenta aktar kontra dik id-deċiżjoni (ara ***Antonio Fenech et v. Carmelo Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 1937 u ***Carolina Zammit v. Salvatore Cini*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 1925).

27. Hekk pereżempju ġie meqjus li parti ma setgħetx tippreżenta appell ammissibbli minn deċiżjoni dwar għoti ta' rendikont, jekk wara s-sentenza appellata dik il-parti tkun ippreżentat dak ir-rendikont (ara ***Nicholas Cutajar et v. Salvu Cutajar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2005). Bl-istess mod, ġie meqjus li parti ma setgħetx tappella minn sentenza li tkun sabitha ħatja ta' diskriminazzjoni, jekk dik l-istess parti

tkun ħallset l-ammont ta' flus li tkun ġiet ikkundannata tħallas fis-sentenza appellata biex tagħmel tajjeb għad-diskriminazzjoni li tkun wettqet (ara ***Edwin Grech et v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 2011).

28. Il-mistoqsija għalhekk li rridu nagħmlu f'dan il-każ hija din: nistgħu ngħidu li s-Suprintendent konvenut qagħad għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Marzu, 2022 meta ħareġ il-liċenzja għal spiżerija favur l-attriċi ftit inqas minn sena wara fit-3 ta' Marzu, 2023?

29. Jirriżulta mill-ħames kap tas-sentenza tal-24 ta' Marzu, 2022 fuq riprodotta, li l-Ewwel Qorti kienet ordnat lis-Suprintendent konvenut sabiex fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija għall-fond 121, Triq Burmarrad, Burmarrad.

30. Is-Suprintendent konvenut mhux biss ipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi skont kif ġie ordnat lilu f'din is-sentenza, iżda saħansitra anke spiċċa biex ħarġilha l-liċenzja għal spiżerija fit-3 ta' Marzu, 2023. Fil-ħsieb ta' din il-Qorti huwa bil-wisq ċar għalhekk li bl-għemil tiegħu li joħroġ il-liċenzja, is-Suprintendent konvenut ġie li aċċetta li joqgħod għas-sentenza tal-24 ta' Marzu, 2022.

31. Xejn ma jiswa li din il-liċenzja tgħid li din inħarġet mis-Suprindentent konvenut mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijiet tiegħu li jappella f'din il-kawża. Din il-Qorti qiegħda tifhem li din ir-riżerva saret biss minħabba li l-Ewwel Qorti kien għad fadlilha tiddeċiedi l-kwistjoni dwar id-danni allegatament imġarrba mill-attriċi u għalhekk il-konvenut daħħal dik ir-riżerva biex ma jurix li huwa kien qiegħed jaqbel li għandu jagħmel tajjeb għad-danni minħabba l-ħruġ tal-liċenzja.

32. Lil hemm minn dan kollu, din il-Qorti tqis li l-ordni tal-ipproċessar tal-liċenzja kienet konsegwenza diretta tas-sejba mill-Ewwel Qorti li d-deċiżjoni ta' rijfut tal-ipproċessar kienet waħda żbaljata. Darba għalhekk li l-konvenut aċċetta li jipproċessa mhux biss l-applikazzjoni imma anke li joħroġ il-liċenzja abbażi ta' din is-sentenza, dan ifisser li huwa aċċetta li joqgħod għal dik is-sentenza. Ma jistax il-konvenut f'dan l-istadju jikkonstesta d-dikjarazzjoni u l-ordni li ngħataw kontrih, meta huwa stess aċċetta li minn jeddu joħroġ il-liċenzja lill-attriċi.

33. Tassew huwa għalkollox kontradittorju min-naħa tas-Suprintendent konvenut li b'dan l-appell inċidentali jipprova jfittex ir-revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din ordnatlu biex jipproċessa l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja, meta l-istess konvenut mhux biss issokkomba għall-istess ordni iżda saħanistra ħareġ il-liċenzja favur l-attriċi. Jekk il-konvenut Suprintendent kien għadu tal-fehma li huwa ma setax bil-liġi

jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija f'Burmarrad, allura huwa messu baqa' ma ħariġx il-liċenzja u baqa' jsostni l-punt tiegħu sakemm jintemmu b'mod definittiv dawn il-proċeduri.

34. Bid-deċiżjoni tiegħu li jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi u joħroġ il-liċenzja, is-Suprintendent konvenut wera li huwa kien qiegħed joqgħod għal dak li ġie ordnat lilu mill-Ewwel Qorti bis-sentenza parzjali tal-24 ta' Marzu, 2022.

35. L-appell inċidentali tas-Suprintendent konvenut kontra s-sentenza parzjali tal-24 ta' Marzu, 2022 qiegħed għalhekk jiġi ddikjarat bħala wieħed mhux ammissibbli skont l-**Artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

36. Il-Qorti tista' tissokta biex tqis l-**appell ewlieni** tal-attriċi Jane Mifsud.

37. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-attriċi tgħid li s-sentenza finali tal-Ewwel Qorti mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2023 tmur kontra dak li l-Ewwel Qorti stess kienet qalet fl-ewwel sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu, 2022.

38. L-attriċi tisħaq li ladarba l-Ewwel Qorti kienet iddikjarat fis-sentenza parzjali tagħha li s-Suprintendent konvenut aġixxa b'mod illegali u

irraġonevoli meta dan naqas milli jipproċessa l-applikazzjoni tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenzja għal spiżerija ġewwa l-fond ta' Burmarrad, allura l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħid fis-sentenza finali tagħha li din id-deċiżjoni ma tammontax għal delitt jew kważi delitt fit-termini tal-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u tiċħad b'hekk it-tielet talba attriċi biex jiġi dikjarat li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni.

39. Din il-Qorti tqis li bil-liġi kull sentenza li tingħata minn Qorti għandha tkun motivata sewwa, b'mod li wieħed ikun jista' jifhem x'kien il-ħsieb wara d-deċiżjoni li l-Qorti tkun waslet għaliha fid-deċiżjoni tagħha (ara l-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Dan l-obbligu ta' motivazzjoni naturalment però jnissel fih ukoll il-ħtieġa li l-konklużjoni aħħarija tal-Qorti kif murija fil-parti dispożittiva tas-sentenza mogħtija minnha, ma tkunx waħda kontradittorja mad-dikjarazzjonijiet fil-parti raġunata li jkunu saru fl-istess sentenza (ara ***Carmelo sive Charles Muscat nomine v. Wilfred Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2006).

40. Daqskemm hija nulla sentenza li tkun sajma minn kull motivazzjoni, daqstant ieħor hija difettuża kull sentenza li jkun fiha motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illoġika (ara ***Middlesea Insurance plc v. Paul Caruana et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta'

Mejju, 2007). Dan hu hekk għaliex huwa prinċipju bażiku fil-liġi li sentenza għandu jkollha fiha rabta loġika bejn il-motivazzjoni u d-deċiżjoni tagħha (ara ***Korporazzjoni Għas-Servizz tal-Ilma v. John Mary Caruana*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-31 ta' Ottubru 2008). Jekk tali rabta ma tkunx tirriżulta jew agħar minn hekk, jekk tali rabta tkun tirriżulta kontradittorja jew ma ssegwix, allura jkun jonqos element essenzjali tad-deċiżjoni (ara ***Rose Loftus et v. Ray Mallia (Blye Engineering Co Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Lulju, 1999). Nuqqas dan li jwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni (ara ***Christopher Hall v. Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru, 2013).

41. Fil-każ tagħna però, l-attriċi appellanti mhijiex qiegħda tgħid li s-sentenza appellata tmur kontra tagħha nnifisha bħalma ġara fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan. Mod ieħor, fil-każ tagħna l-attriċi appellanti qiegħda ssostni li teżisti kontradizzjoni netta bejn is-sentenza parzjali tal-24 ta' Marzu, 2022 u s-sentenza finali tal-24 ta' Novembru, 2023.

42. Bilkemm hemm bżonn illi ngħidu, qorti għandha tkun konsistenti magħha nfisha mhux biss fir-raġunament u fid-dispożizzjonijiet tas-sentenza finali tagħha; iżda qorti għandha tieħu ħsieb ukoll li kull sentenza tagħha tkun konsistenti ma' kull sentenza jew deċiżjoni oħra li

hija tkun tat qabel. Ifisser għalhekk, li qorti ma tistax tagħti dispożizzjoni f'sentenza finali li tmur kontra xi dispożizzjoni oħra li hija stess tkun tat bejn l-istess partijiet fl-istess kawża permezz ta' xi sentenza preċedenti. Għalhekk sakemm ma jkunx hemm xi sentenza tal-Qorti tal-Appell li tkun ħassret is-sentenza parzjali, il-qorti tal-ewwel grad ma tistax fis-sentenza finali tagħha tmur lura jew tmur kontra dak li hija stess tkun iddeċidiet fis-sentenza parzjali tagħha.

43. F'qagħda bħal din, ikun hemm każ ta' kontradizzjoni bejn is-sentenza parzjali u s-sentenza finali meta d-dispożizzjonijiet mogħtija fiż-żewġ sentenzi jeliminaw lil xulxin, b'tali mod li dawn ma jkunux jistgħu joqogħdu flimkien.

44. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-attriċi li hemm kontradizzjoni bejn iż-żewġ sentenzi li ngħataw mill-Ewwel Qorti.

45. Tassew fis-sentenza finali tagħha tat-23 ta' Novembru, 2023, l-Ewwel Qorti meriet dak li hija stess kienet sabet fis-sentenza parzjali tagħha tal-24 ta' Marzu, 2022. Id-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti magħmula fis-sentenza finali li d-deċiżjoni tal-konvenut ma tikkwalifikax bħala delitt jew kważi-delitt tmur kontra s-sentenza preċedenti tagħha fejn hija kienet sabet li din id-deċizjoni tal-konvenut kienet waħda illegali u irraġonevoli.

46. Din il-Qorti kif tinsab impoġġija diġà kellha l-okkażjoni illi tgħid fis-sentenza ***Kenneth Mamo v. L-Awtorità Għat-Transport f'Malta*** deċiża fid-19 ta' Ottubru, 2023, li biex wieħed jista' jitlob id-danni kemm taħt il-**Kodiċi Ċivili** u kif ukoll taħt il-**Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, bħala riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva li ġiet imħassra minn qorti jew tribunal, jeħtieġ li jintwera li dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet abbużivament jew b'mod irraġonevoli.

47. Frankament f'dan il-każ, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li huwa possibbli li awtorità pubblika tieħu deċiżjoni illegali u irraġonevoli bla ma din tkun imxiet b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb. Anzi minn kif tifhimha din il-Qorti, awtorità pubblika tkun waslet biex tagħti deċiżjoni illegali u irraġonevoli għaliex appuntu hija tkun aġixxiet b'nuqqas ta' diliġenza, b'nuqqas ta' prudenza jew b'nuqqas ta' ħsieb.

48. Dan jgħodd aktar u aktar fil-każ tal-lum. Għad li s-Suprintendent konvenut kellu f'idejh opinjoni tal-Ombudsman li kienet tgħid li huwa kien qiegħed jinterpreta l-liġi b'mod ħażin, dan għażel li jibqa' jippersisti fid-deċiżjoni tiegħu li ma jipproċessax l-applikazzjoni tal-attriċi.

49. Huwa veru li l-konvenut ma kienx marbut li joqgħod ma' dik l-

opinjoni, madankollu huwa veru wkoll li opinjonijiet tal-Ombudsman m'għandhomx jiġu skartati jew injorati (ara ***Kamra tal-Periti et v. Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru, 2022 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023). Opinjonijiet tal-Ombudsman jirrappreżentaw fehmiet studjati marbuta mal-ilmenti mressqin quddiemu (ara ***Longbow Limited v. Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 2023) u għalhekk dawn ma jsirux biex jitħallew ġol-kexxun iżda jsiru biex l-awtorità pubblika tieħu għarfien tajjeb tagħhom u jekk hemm bżonn taħdem fuqhom. Li kieku ma jkunx hekk, l-irwol u l-funzjoni tal-Ombudsman jiġu bla valur ta' xejn, u jispiċċaw isarrfu biss f'ħela ta' flus u ta' riżorsi.

50. Jekk allura bħalma ġara f'dan il-każ, l-Ombusdman ikun esprima l-fehma tiegħu li l-konvenut ma kienx qiegħed jinterpreta kif suppost il-liġi u l-konvenut jagħżel li jiskarta għalkollox dik l-opinjoni tal-Ombudsman għaliex jibqa' jħaddan il-fehma tiegħu, allura jkun tabilħaqq illoġiku u kontradittorju min-naħa tal-Ewwel Qorti, li wara li fis-sentenza parzjali tagħha hija kienet iddikjarat li d-deċiżjoni tal-konvenut kienet waħda illegali u irraġonevoli, aktar tard fis-sentenza finali tagħha hija tgħid li fl-imġiba tiegħu l-konvenut ma weriex nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb!

51. Tajjeb jew ħażin, ladarba l-Ewwel Qorti sabet li d-deċiżjoni tal-konvenut kienet illegali u irraġonevoli, allura dan neċessarjament ifisser li b'dik id-deċiżjoni illegali u irraġonevoli tiegħu l-konvenut spiċċa biex ma nqediex bid-diskrezzjoni tiegħu b'mod prudenti, diliġenti jew bi ħsieb.

52. U la l-konvenut instab li ma nqediex bid-diskrezzjoni tiegħu b'mod prudenti, diliġenti jew bi ħsieb, għaliex dejjem skont l-Ewwel Qorti dan iddeċieda b'mod illegali u irraġonevoli, allura dan ifisser li l-għemil tiegħu jikkwalifika bħala delitt jew kważi delitt għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

53. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti fis-sentenza finali tagħha tabilħaqq għamlet stqarrija li tgħid l-oppost ta' dak li hija kienet qalet fis-sentenza parzjali tagħha.

54. F'dan is-sens għalhekk l-appell tal-attriċi jixraq li jiġi milqugħ u s-sentenza finali għandha tiġi mħassra.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda fl-ewwel lok tiddikjara l-appell inċidentali tas-Suprintendent konvenut bħala wieħed mhux ammissibbli skont l-**Artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u fit-tieni lok **tilqa’** l-appell prinċipali tal-attriċi Jane Mifsud u bħala konsegwenza ta’ hekk **tħassar** is-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija fit-23 ta’ Novembru, 2023 minħabba li nstab li din tmur kontra dak li ġie deċiż minnha fis-sentenza preċedenti tagħha tal-24 ta’ Marzu, 2022.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell prinċipali tal-attriċi u mal-appell inċidentali tal-konvenut għandhom jitħallsu mill-konvenut Suprintendent għas-Saħħa Pubblika.

Fl-aħħar nett, din il-Qorti tordna li l-atti jmorru lura għand l-Ewwel Qorti sabiex din terġa’ tiddeċiedi t-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet li kienu għadhom ma ġewx deċiżi bis-sentenza parzjali tal-24 ta’ Marzu, 2022.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss